

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 53/2017

tas-17 ta' Marzu 2017

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2018/1817]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,
Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1936 tal-4 ta' Novembru 2016 li japprova l-ossidu tal-kalċju (ġir maħruq) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2 u 3 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 12zzzzg (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1950) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12zzzzh. **32016 R 1936:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1936 tal-4 ta' Novembru 2016 li japprova l-ossidu tal-kalċju (ġir maħruq) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2 u 3 (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 48)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1936 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 299, 5.11.2016, p. 48.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.